**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Kumpilazzjoni Numru 135/2019**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Trevor Micallef)**

**vs**

**Elizabeth Caruana**

**Illum 13 ta' Jannar 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

"**Elizabeth Caruana**, detentrici tal-karta tal-identita' 492987(M).

Billi int akkuzata talli f'dawn il-gzejjer nhar is-16 ta' Settembru 2018 ghal habta ta' nofsinhar neqsin ghaxra ta' filghodu (11:50am) gewwa 12, Triq San Pietru, Zejtun u/jew fil-vicinanzi:

Zammejt annimali fejn gieghltom isofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u abbandunajt l-istess annimali. (Art 8(2) Kap 439)

Akkuzata aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zammejt annimali jew qbilt li zzomm annimali u ma kontx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom. (Art 8(3) Kap 439)

Akkuzata aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma hadtx dawk il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza sabiex tizgura li l-htigijiet ta' annimal/i li kont responsabbli ghalihom, jew li qbilt li tiehu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri tal-annimali. Ghall-ghanijiet ta' dan is-subartikolu, htigijiet ta' annimal tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimi l-imgieba normali tieghu, provvista ta' akkomadazzjoni xieraq, segregazzjoni minn annimali ohra fejn mehtieg, u protezzjoni minn ugigh, tbatija, korrimenti u mard. (Taqsima IV (4) KAP 439)

Akkuzata aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma avzajt lid-Direttur fi zmien sebat ijiem meta kelb/klieb jkollu jmut jew jigi trasferit minn sidu jew mid-detentur tieghu (sub-inciz 10 tal-Artikolu 5 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 199/2011. (437.101)

Akkuzata aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellek fil-pussess tieghek klieb t'erba xhur jew aktar minghajr licenzja (sub-inciz (5) 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 199/2011 (437.101)"

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet il-provi;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u għalqet il-provi tagħha[1];

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li se tistrieħ fuq l-atti proċesswali[2];

Semghet is-sottomissjonijiet finali min-naħa tad-Difiża[3].

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**Provi**

Xehed **Joseph Cassar[4]** illi spjega wara li l-Uficcju tal-Harsien tal-Annimali kien ircieva rapport li kien hemm xi klieb li ma kinux qed jinzammu tajjeb. Hu u ufficjal iehor marru fuq il-post fejn fethitilhom omm l-imputata li qaltilhom li l-klieb kienu tal-imputata u cemplet lill-imputata. X'hin giet l-imputata, huma dahlu fil-fond fejn sabu disat iklieb li wiehed minnhom kien jidher li kellu infezzjoni fil-gilda u li minn dawn il-klieb irrizulta li kien hemm erbgha biss iccipjati. Huwa qal lill-

[1] A folio 37 tal-process
[2] A folio 53 tal-process
[3] A folio 53 tal-process
[4] A folio 41 tal-process

imputata tiehu lill-kelb ghand il-veterinarju u taghtih kopja tat-trattament li kien qed jiehu kif ukoll illi kellha tirregistra l-klieb l-ohra.

Meta rega' ikkuntattja stante li kienet ghadha ma haditlux certifikat tal-veterinarju, hija qaltlu li l-kelb kien miet u haditu l-biccerija, izda mitluba kopja tal-ircevuta hija qalet li ma kinitx taf b'ircevuta. Hija baqghet ma rregistratx il-klieb l-ohra u ghalhekk saret din il-kawza.

Xehed **Jason Azzopardi**[5]**,** illi filwaqt illi kkonferma l-ewwel parti tax-xhieda moghtija mix-xhud Joseph Cassar u spjega li wara li l-Ufficcju tal-Harsien tal-Annimali kien ircieva rapport li kien hemm xi klieb li ma kinux qed jinzammu tajjeb. Hu u ufficjal iehor marru fuq il-post fejn fethitilhom omm l-imputata li qaltilhom li l-klieb kienu tal-imputata u cemplet lill-imputata. X'hin giet l-imputata, huma dahlu fil-fond fejn sabu dista iklieb li wiehed minnhom kien jidher li kellu infezzjoni fil-gilda. Dan ix-xhud pero' jaghti verzjoni differenti dwar il-bqija tal-klieb u jghid li huma ma setghux jaqbdu l-klieb l-ohra u ghalhekk ma kinux f'posizzjoni li jiccekkjaw jekk daw kinux registrati u ccippjati.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi: *(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr*

[5] A folio 45 tal-process

*bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.* Bl-emenda introdotta bl-Att XXXV tas-sena 2014 ġie speċifikat f'aktar dettal liema passi għandhom jittieħdu minn min ikun qed jieħu ħsieb annimal biex jiżgura illi kull annimal ikollu kull ma jinħtieġ, inkluż ambjent adegwat u ikel xieraq fost oħrajn. Bl-introduzzjoni ta' dan is-subparagrafu il-Leġislatur ried jiċċara l-interpretazzjoni tal-artikolu 8 sabiex jinkorpora diversi xenarji differenti u li n-nuqqas tagħhom jistgħu indubjament iwasslu għat-tbatija, mard jew uġiegħ tal-annimal miżmum. Il-piena għal dan ir-reat giet regolata mill-artikolu 45 tal-istess Att.

Illi l-artikolu 2 tal-Att tagħti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-moħqrija fejn jinghad illi: "moħqrija", fir-rigward ta' annimal, tfisser li *ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa*;

Illi x'hin il-Qorti analizzat il-provi migjuba, mill-istess provi ma jirriżultax li kien hemm moħqrija tal-klieb. Jekk xi kelb kien qed ibati minn xi marda (1) ma ngabet l-ebda prova ta' tali marda ghajr dak li kkonstataw x-xhieda, (2) ma ngabet l-ebda prova dwar il-kompetenza taghhom li jikkonstataw tali mard u ghalhekk ix-xhieda taghhom ma hiex bizzejjed stante li ma tikkostitwixxix l-ahjar prova kif rikjest fil-kamp kriminali, (3) ma ingabet l-ebda prova dwar mohqrija konsistenti f'ugiegh jew tbatija skond kif imfissra fil-ligi.

Illi konsegwentament ma tistax tinstab htija taht l-ewwel, it-tieni, t-tielet u l-hames akkuza.

Illi fir-rigward tal-hames akkuza, l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li fil-fatt il-kelb ma kienx ittiehed il-biccerija wara li allegatament miet.

Illi fil-kamp kriminali l-imputat ma jrid jipprova xejn izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha.

Illi konsegwentament lanqas ma tista' tinstab htija taht ir-raba' akkuza.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja u tilliberaha mill-akkuzi migjuba kontra taghha.

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur